MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Numru. 240/2010

**Il-Pulizija
(Spettur  Dennis Theuma)**

**vs.**

**Anthony Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Anthony Borg ta’ 24 sena, iben Alfred u Margaret nee Ciantar imwieled Pieta fit-25 ta’ Lulju 1985, residenti 9, Bini tal-Gvern, Telghet Spencer, Marsa, detentur tal-karta ta’ l-identita 405685(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar fit-12 ta’ Dicembru 2009 u fis-sentejn ta’ qabel din id-data:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li x-xhieda;

Wara li rat illi fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2010, Dottor Roberto Montaldo ghall-imputat issolleva l-eccezzjoni tan-*ne bis in edem* peress li skond hu mid-deposizzjoni ta' l-imputat diga instab hati tal-fatti sottostante (sic) din l-akkuza b'decizjoni tat-23 ta' Novembru 2007 minn din il-Qorti kif diversament preseduta.

Wara li semghet it-trattazzjoni mill-partijiet dwar l-eccezzjoni tan-*ne bis in edem*.

Ikkunsidrat:

Illi mill-fedina penali jirrizulta illi b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Novembru 2007, l-imputat kien instab hati tali <u>fil-25 ta' Gunju 2006 u fis-snin ta' qabel</u> kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, u gie illiberat bil-

kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien hmistax-il xahar mis-sentenza.

Fit-13 ta' Dicembru 2009, l-imputat irrilaxxa stqarrija, fejn *inter alia* qal hekk:
*"M. inti ghandek problema bid-droga?*
*T. Bhalissa le.*
*M. Meta abbuzajt l-ahhar u x'hadt?*
*T. madwar sentejn ilu u abbuzajt bl-eroina.*
*M. Minghand min kont inqdejt Anthony?*
*T. ma nwegibx.*
*M. Ghandek xi kazijiet pendenti fuq id-droga?*
*T. Le kollha mehlusin u ilhom madwar tlitt snin.*

A bazi ta' din l-istqarrija, l-imputat gie akkuzat bl-akkuza odjerna u cioe li fit-12 ta' Dicembru 2009 u fis-sentejn ta' qabel din id-data, u cioe fl-2007, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina.

Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat allega li meta hu fl-istqarrija qal li l-ahhar li abbuza mid-droga kien sentejn qabel, ried ifisser il-kaz li fuqu inqatghet is-sentenza dwar abbuz ta' droga li kien inqatgha sentejn qabel, u cioe fit-23 ta' Novembru 2007. F'dak il-kaz, l-ufficjal prosekutur kien l-istess wiehed fil-kaz odjern, u cioe l-Ispettur Dennis Theuma. Fil-fatt l-imputat xehed hekk:

*"Avukat: Jigifieri dik is-sentenza fl-istqarrija tieghek fejn qed tghid li l-ahhar kuntatt li kellek*

*Xhud: Fuq il-kaz li kelli l-Qorti mieghu ghax kien kelli (sic) fil-pussess tieghi l-eroina l-istess u kien qabadni l-ispettur Theuma u ghidtlu minn dak iz-zmien 'l hawn. Madwar sentejn 'l hawn. Issa jien ma nafx ezatt meta kien u hekk imma xi haga hekk."*

Il-Qorti, li kellha anki l-opportunita li tara lill-imputat jixhed, ma issibx il-verzjoni tal-fatti li huwa ta fuq il-pedana tax-xhieda kredibbli. Waqt l-istqarrija l-imputat ta' zewg dati approssimattivi – wahda ghad-domanda ta' meta l-ahhar abbuza mid-droga, u ghal din wiegeb li xi sentejn qabel, u

l-ohra ghad-domanda jekk kellux kazijiet pendenti fuq id-droga, li ghalija wiegeb li l-kazijiet li kellu ntemmu xi tlett snin qabel. Dawn iz-zewg twegibiet inghataw kwazi wara xulxin. Kieku l-verzjoni tal-fatti li ta l-imputat fix-xhieda tieghu kienet veritiera, meta l-ispettur staqsieh dwar jekk kellux kazijiet pendenti fuq id-droga, huwa kien iwiegeb bl-istess mod li wiegeb ghall-ewwel domanda u cioe li inqatghu xi sentejn qabel u mhux jghidlu li inqatghu xi tlett snin qabel.

Mix-xhieda ta’ l-imputat, huwa car li f’mohhu kronologikament wara li inqatghet il-kawza tad-droga, skond hu tlett snin qabel – fil-fatt sentejn qabel – huwa rega’ abbuza mid-droga sentejn qabel. Ghalhekk dak li qal lill-ispettur fl-istqarrija kienet il-verita, u l-kronologija vera tal-fatti, anke jekk huwa effettivament ha zball fid-dati.

Illi fid-dawl tas-suespost, il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjoni tan-ne bis in edem u mill-provi migjuba u mill-istqarrija tieghu stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li fl-istadju ta’ l-istqarrija l-imputat ikkoopera mal-pulizija, li mill-fedina penali ta’ l-imputat jirrizulta li ghalkemm mhix wahda allarmanti, l-imputat ghandu bzonn min itih direzzjoni fil-hajja, u li jidher li l-imputat ghadu fic-cans li johrog mill-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artkoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------